MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2007

Numru. 86/2007

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Mario Bonello)**
**v**

**ADELINA CINI, bint John Mary Agius u Ursola nee' Cassar, imwielda fis-7 ta' Frar, 1948 u residenti 77, Triq Skapuccina, Zebbug, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita numru 18148(G)**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputata **ADELINA CINI** bint John Mary Agius u Ursola nee' Cassar, imwielda fis-7 ta' Frar, 1948 u residenti 77, Triq Skapuccina, Zebbug, Ghawdex giet imressqa quddiemha u akkuzata talli bi ksur tal-artikolu 43

(1) (a) u 18 (1) ta' Att ta' 1999 dwar Servizzi ta' l-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta, Kapitlu 409, fil-15 ta' Lulju 2006 u granet ta' qabel, mexxiet jew operat, jew halliet li tigi operata jew titmexxa attivita' turistika (post ghal vaganza) "Seafront Plot 8 Flat No 2, Xwejni Road, Qbajjar, Marsalforn, Zebbug Ghawdex minghajr ma kellha licenzja mahruga ghalhekk mill-Awtorita;

Il-Prosekuzzjoni talbet li jekk l-imputata tinstab hatja minn din l-Onorabbli Qorti tigi kkundannata thallas multa ai termini tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 43 (1) u (2) tal-Kap 409 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi.

Rat id-dokumenti esebieti.

Ikkunsidrat,

Billi jirrizulta illi l-imputata hallset l-licenzja li tkopri s-sena 2006, l-akkuza ma tirrizultax u kwindi l-imputata qed tigi liberata mill-akkuza kif dedotta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------